MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1581/2000/1

**Pawlu Falzon.**

**-vs-**

**George Galea.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1,995 (elf disa' mija u erbgha u erbghin Lira Maltin) rapprezentanti bejgh ta' vettura tal-marka Mercedes debitament mibjugha u konsenjata lilu.

Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat bosta drabi sabiex jersaq ghall-hlas tas-somma liema somma hawn fuq indikata.

U illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ghal hlas.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

Invista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramenta ta' Pawlu Falzon hawn annessa u mmarkata Dok.A bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm1,944 (elf disa' mija u erbgha u erbghin Lira Maltin) rapprezentanti l-bilanc dovut ghall-vettura debitament ikkonsenjata.

Bl-ispejjez u imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fit-23 ta' Awissu, 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tata' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u permezz ta' procedura specjali sommarja kif mitluba taghmel mill-attur stante illi c-citazzjoni gie ipprezentata fi zmien il-ferjat.

2. Illi, in linea preliminari wkoll, l-intempestivita' tac-citazzjoni attrici stante illi l-eccipjent qatt ma gie interpellat ghall-hlas mill-attur.

3. Illi, in linea preliminari wkoll, in-nullita' tac-citazzjoni

4. attrici stante illi ma hemmx tisfir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, kif rikjest ai termini tal-artikolu 156(1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u hemm konfuzjoni bejn il-premessi citattivi u t-talba tal-attur, tant illi filwaqt li l-attur qieghed jippremetti li l-konvenut ghandu jhallsu s-somma ta’ Lm1,994 “rapprezentanti bejgh ta’ vettura tal-marka ‘Mercedes’ ” (u mhux rapprezentanti l-prezz jew bilanc tal-prezz), fl-istess waqt l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut biex ihallsu l-imsemmija somma ta’ Lm1,994 “rapprezentanti l-bilanc dovut ghall-vettura”, oltre illi m’hemmx tifsira cara tal-oggett ikkonsenjat peress illi l-vettura ‘de quo’ mhix identifikata bin-numru ta’ registrazzjoni taghha.

5. Illi, fil-mertu, l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

6. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjent mhuwiex debitur tal-attur la fis-somma ta’ elf, disa’ mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1,994) u fl-ebda somma ohra, u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fil-15 ta’ Novembru, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici, jekk jirrizulta illi tikkostitwixxi talba ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ vettura mibjugha mill-attur lill-konvenut, hija nulla u bla ebda effett stante illi bejn il-kontendenti qatt ma saret ebda skrittura ta’

komprovendita' tal-vettura in kwistjoni kif trid il-ligi *di rigore*, u dan kif enuncjat, *inter alia*, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Onor. Dr. Joseph Said Pullicino LL.D.) fis-sentenza taghha moghtija fit-28 ta' Jannar, 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Fedele Dalli -vs- Alfred Caruana" fejn gie pronuncjat illi "... huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza illi l-forma ta' l-iskrittura f'kazijiet ta' kompravendita ta' vettura hi wahda *di rigore*. Hu stabbilit illi l-ligi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss *ab probationem* imma *ab substantiam et validitatem*" u kif ukoll mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fis-7 ta' Dicembru, 1956 fil-kawza fl-ismijiet "Henry Falzon pro et noe -vs- Carmelo Tanti" u mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Onor. Dr. M Caruana Curran LL.D.) fit-12 ta' Dicembru, 1963 fil-kawza fl-ismijiet "George Caruana -vs- Giuseppe Bonett".

2. Illi t-talba attrici, jekk ghall-kuntrarju jirrizulta illi hija bbazata fuq l-import tal-kambjali in kwistjoni, hija nulla u bla ebda effett stante illi fl-ewwel lok tali kambjali ma gewx ipprezentati flimkien mac-citazzjoni promotrici u fit-tieni lok l-imsemmija kambjali ma gewx ipprotestati kif trid il-ligi ai termini tal-artikolu 147 u 247 *et seq* tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta".

Rat is-sentenza ta' l-4 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha gew michuda dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-konvenut u l-atti processwali kollha kompriz il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru, 2000 illi permezz tieghu il-konvenut irtira l-ewwel u t-tielet eccezzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi kif gia’ qalet il-Qorti fis-sentenza taghha fuq imsemmija, dak li deher bhala negozju guridiku semplici mill-kliem tac-citazzjoni rrizulta f’negozju kumplikat bejn il-partijiet – probabilment anke bl-intervent ta’ certu Yose’ Buttigieg li fih il-partijiet jidher li kellhom fiducja izda jidher car hafna li dan il-persuna (li sfortunatament ma setax jigi rintraccjat biex jixhed) dahhal lill-partijiet f’din il-kumplikazzjoni. Il-Qorti ma tistax ma tillamentax li certi persuni li jippozaw ta’ professjonisti u ma jkunu xejn hlief nies lesti biex jaghmlu flus tajba fuq l-injoranza tan-nies jibqghu jaghmlu dawn ir-raggiri minghajr impunita’, kif ukoll ma tistax ma tikkumentax kif isibu nies li jibilghu il-mazzun u lesti jhallsuhom ta’ dawn il-kapolavuri!

Kif irrizulta mis-smiegh tal-provi, il-konvenut kellu jiehu somma flus minghand certu Arcidiacono u kellu l-kambjali favur tieghu ffirmati minn dan it-tizju. *Tramite* terza persuna ltaqa’ ma’ l-attur u ftehmu li l-attur jghaddilu vettura ta’ tip *Mercedes*, u in kontrakambju l-konvenut jiggiralu l-kambjali msemmija. Jidher li l-kambjali kienu ghal ammont ikbar izda kif irrimarka l-konvenut fix-xhieda tieghu, dan kien gustifikat billi s-sogru kien ser jiehdu l-attur. Ghall-ewwel Arcidiacono kien qed ihallas lill-attur izda meta l-hlasijiet waqfu, saret din il-kawza u l-attur, minnflok ma fetah l-azzjoni kambjarja kontra tieghu, istitwixxa din il-kawza u impostaha fuq il-bilanc ta’ prezz tal-vettura.

Fil-fehma tal-Qorti, dak li kellu f’mohhu l-attur jidher lampanti minn dak illi qal fis-seduta tat-22 ta Mejju, 2001 – “*l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien l-ammont ta’ kambjali li jien kelli nihtallas taghhom sa dakinhar li ghamilt il-kawza u li sa dakinhar kienu ghadhom ma thallsux*”. Jidher ghalhekk li meta Arcidiacono waqaf ihallas, l-attur irrealizza li kien ser isibha bi tqila biex jithallas u kien ghalhekk li fetah din il-kawza.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tkun hi li tirranga s-sitwazzjoni li dahal fiha l-attur. Li qed jaghmel l-attur hu li

jragga lura l-posizzjoni ghal dak li kienet qabel sar il-ftehim – monk kemm hu monk – bejnu u l-konvenut. L-attur qed jitlob il-hlas ta' bilanc ta' prezz meta in effetti hu kien thallas interament bil-konsenja tal-kambjali li gew esebiti wara li tqajjmet l-esistenza taghhom mill-konvenut. Huwa maghruf li l-Qorti ghandha taghti l-pronunzjamenti taghha strettament a bazi tat-talbiet tal-attur u ma tistax (hlief f'certi kazi *per eqiupollens*) tiddeciedi fuq kawzali li ma jkunux gew avvanzati fit-talba kontenuta fic-citazzjoni. *Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni, u t-termini uzati f'atti gudizzjarji formali bhal ma hu l-att tac-citazzjoni ghandhom jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom .. xorta ohra l-konsegwenzi jkunu kaotici* (<u>Alice Amato vs Vivian De Gray nomine</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 1958).

Certament kif gia' irrimarkat il-Qorti (diversament preseduta) fis-sentenza taghha fuq imsemmija tal-4 ta' Dicembru 2002, din m'hijiex azzjoni kambjarja. Hija azzjoni fuq bilanc ta' prezz li kif gia' il-Qorti rrimarkat, ma jirrizultax bhala tali fil-kaz in ezami. Minhabba f'dan il-Qorti ma thossx il-bzonn li tistharreg l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghas-smiegh bid-dispensa tal-provi billi din gia' giet michuda, tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjes tal-kawza, barra dawk gia' decizi mis-sentenza ta' l-4 ta' Dicembru, 2002, huma a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------